MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**GALEA DEBONO JOSEPH**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2002

Appell Kriminali Numru. 207/2002

Il-Pulizija
(Spettur D. Mula)

Vs

Abdul Al Hafis Rabiq Ahmad Mohamad Alias Konch Mamilas

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fid-29 ta' Mejju 2002 ghall-habta tal-11 ta' filghodu, harab minn post ta' kustodja pubbliku ai termini ta' l-Artikoli 151 u 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess data u cirkostanzi kkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija ghal xahar sospiza ghall-sena,

moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Mag. A. Micallef Trigona LL.D) datata 03/11/2002 liema sentenza saret definitiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Settembru, 2002, li wara li rat l-artikoli 151, 152 tal-Kap 9 u 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sitt xhur, pero’ oltre dan ordnat illi x-xahar prigunerija li l-imputat gie ikkundannat jaghmel b’sentenza moghtija fit-3 ta’ Novembru, 2001 fl-ismijiet il-Pulizija vs Jarvis Elbagi Ersheen Datro et mill-Qorti tal-Magistrati tigi resa operattiva. Oltre dan iddikjarat lill-imputat bhala immigrant pprojbit u ai terminu ta’ l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat li jinhareg ordni ta’ tkeccija fil-konfront tieghu una volta jiskonta t-termini ta’ prigunerija moghti b’din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Settembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassarha w tirrevokha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur, u minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b’mod li taghmel aktar ghall-kaz, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat appellat ghal piena ta’ prigunerija li hija ferm inqas mill-minimu stabilit bil-ligi ghar-reati li taghhom instab hati . Di fatti l-imputat kien akkuzat ukoll bil-kommissjoni tar-reat kontemplat taht l-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali , liema reat u artikolu tal-ligi gie espressament indikat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w l-artikolu imsemmi , kif emendat bl-Att VII tal-1999, jistabilixxi bhala parametri ta’ piena f’kaz ta’ htija , piena ta’ prigunerija minn sentejn sa erba snin . Illi l-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur hija piena ferm inqas mill-minimu legalment possibbli w ma kien hemm ebda raguni avvanzata jew applikazzjoni

espressa tal-ligi sabiex l-Ewwel Qorti setghet legalment tinzel taht il-minimu. Ghalhekk dik il-piena karcerarja nflitta fuq l-imputat , fil-kobor taghha, ma kienetx taqa’ fil-parametri stabiliti bil-ligi.

Rat id-Digriet Taghha tas-6 ta’ Novembru, 2002 li bih innominat lill-Avukat Edward Gatt biex jassisti lill-appellat billi dan ma kienx assistit .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Novembru, 2002, li biha ssottometta li l-artikolu 401 (3) u 392A (2) jipprevalu fuq il-procedura stabilita fl-artikolu 414 u li din il-procedura li l-Qorti tordna li l-atti , flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali tidderoga mill-artikolu 414.

Rat id-Digriet Taghha tas-26 ta’ Novembru, 2002 , li bih innominat lill-Avukat Dottor Joe Mifsud bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-appellat ;

Rat il-verbal ta’ Dottor Anthony Barbara tal-istess data , li bih rrimetta ruhu ghan-Nota tal-Avukat Generali fuq imsemmija ;

Rat id-Digriet Taghha moghti fl-istess seduta li bih din il-Qorti ordnat illi fuq ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jitnizzel it-timbru bid-data tal-prezentata skond ma jirrizulta mir-Registru ta’ din il-Qorti .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2002 ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jidher li jistghu fil-qosor jingabru hekk . L-appellat kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-3 ta’ Novembru, 2001, talli ma tul il-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Novembru, 2001, minghajr ma inghatalu permess ta’ residenza , nizel Malta jew kien Malta minghajr permess

minnghand il-Principal Immigration Officer . Hu gie kkundannat ghal piena ta’ xahar habs sospiza ghall-sena w ordnat li jinhareg ordni ta’ tnehhija kontra tieghu . Peress illi kien applika ghal status ta’refugjat kien inzamm detenut l-ewwel f’Ta; Kandia w umbaghad f’Hal Far sakemm l-appikazzjoni tieghu setghet tigi processata . Fid-29 ta’ Mejju, 2002 ghall-habta ta’ xil-11 a.m. , ghax haseb li kien gie l-Pulizija Sudaniz u li hu ser jmur lura s-Sudan , tela’ mall-hadid u harab .

Meta tressaq bl-arrest quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 t’Awwissu, 2002, hu kien wiegeb li ma kienx hati (fol.6) . Izda meta rega’ deher quddiem l-Ewwel Qorti fit-12 ta’ Settembru, 2002, wara li l-Qorti kienet laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni biex taghmel korrezzjoni fl-akkuza w wara li rega’ sar l-ezami mill-gdid tal-imputat, hu kien wiegeb li kien hati (fol.9) . Dr.Bencini ghall-imputat kien ghamel sottomissjonijiet dwar il-piena w l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-ghada 13 ta’ Settembru, 2002.

Fis-sentenza Taghha , fuq ammissjoni , l-Ewwel Qorti , wara li rat l-artikoli 151 u 152 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta‘ Malta u l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta‘ Malta, sabitu hati tal-akkuzi kollha , w barra li kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sitt xhur , ordnat li x-xahar prigunerija li l-imputat kien gie kundannat li jaghmel bis-sentenza moghtija fit-3 ta’ Novembru, 2001 tigi reza operattiva . Oltra dan iddikjarat lill-imputat bhala mmigrant ipprojbit u ordnat li jinhareg ordni ta’ tkeccija fil-konfront tieghu una volta li jiskonta t-termini ta’ prigunerija moghti b’ dik is-sentenza. Fl-ahhar nett ,ordnat li kopja ta’ dik is-sentenza u l-atti kollha processwali jintbaghu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Meta l-Avukat Generali rceva l-atti processwali , pproceda bir-rikors tal-appell odjern direttament bla ma l-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta n-nota li tindika li behsiebu jappella kif preskritt fl-art. 414 tal-Kap.9.

Illi l-Ewwel diffikolta’ li ltaqghet maghha din il-Qorti kien il-fatt jekk l-Avukat Generali setghax jappella bla ma tkun

saret in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq imsemmija . Illi pero’ kif gie spjegat fin-Nota tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Novembru, 2002, bl-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 , iddahlet procedura gdida li biha fejn akkuzat jammetti quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuza jew akkuzi li ma jgibux maghhom aktar minn ghaxar snin prigunerija, l-Qorti , wara li taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra l-akkuzat , li jinsab hati, TORDNA LI L-ATTI , FLIMKIEN MA KOPJA TAS-SENTENZA , JIGU MIBGHUTA LILL-AVUKAT GENERALI , KIF PROVDUT FIS-SUBARTIKOLU (3) TA’ L-ARTIKOLU 401.” (Emfasi ta’ din il-Qorti). Ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tan-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija f’dan il-kaz,

Illi din il-Qorti taqbel ma din l-interpretazzjoni tal-ligi w taqbel ukoll li din id-dispozizzjoni gdida tidderoga biss fil-kaz imsemmi fl-artikolu 392A ghall-procedura ordinarja stabilita fl-art. 414 . Huwa ovvju li galadarba l-Ewwel Qorti , fis-sentenza Taghha tkun ordnat li l-atti processwali kollha w kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali FI ZMIEN TLITT IJIEM TA’ XOGHOL ,(emfasi ta’ din il-Qorti) ikun inutili w superfluwu li l-Kummissarju tal-Pulizija jerga jitlob permezz ta’ Nota , fi zmien ERBAT IJIEM TA’ XOGHOL (emfasi ta’ din il-Qorti) , li l-istess atti w kopja tal-istess sentenza fi zmien tlitt ijiem ohra ta’ xoghol minn dak in-nhar tat-talba , jintbaghtu lill-Avukat Generali , w dana ghaliex dawn ikunu gja ntbaghtu permezz tal-procedura l-gdida introdotta . U ghalkemm l-artikolu 414 ma jeccettwax mill-procedura ordinarja , dawk il-kazijiet li jaqghu taht l-artikolu l-gdid 392 A , haga li kienet tkun ferm desiderabbli biex jigi evitat kull dubju , hu ovvju li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li fil-kaz imsemmi fl-artikolu 392A ma ghandhomx ghalfejn jigu osservati l-proceduri kontemplati fl-art. 414 (1) u (2) .

Ghalhekk , jidher li , nonostasnte li ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-artikolu 414 , ir-rikors tal-appell huwa ritwali.

Illi gara pero’ li peress li r-rikors tal-appell gie ritornat flimkien mall-atti processwali mill-Avukat Generali , bi

zvista l-addetti tar-Registru ma ghamlux it-timbru tal-prezentata tal-istess rikors fuq l-istess rikors. Dan irrizulta mid-depozizzjoni tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti is-Sur Paul Miruzzi li xehed fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002 , u qal li mill-verifiki li hu ghamel fir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali , l-entry fil-computer u mir-Registru tal-Avukat Generali stess fejn juri l-atti li jigu trasmessi fir-registru w fejn hemm il-firem tal-ufficjal tar-registru ,bid-data ta' meta dahlet il-prezentata tar-rikors tal-appell , tirrizulta d-data tal-prezentata tal-istess rikors. Din il-Qorti ghalhekk hasset li din l-ommissjoni ta' natura amministrattiva tista' tigi sanata w fil-fatt, b'Digriet Taghha tas-26 ta' Novembru, 2002, ordnat li fuq ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jitnizzel it-timbru bid-data tal-prezentata skond ma jirrizulta mir-Registru ta' din il-Qorti, kif fil-fatt sar .

Zgumbrat dan it-terren, il-Qorti ser tghaddi ghall-mertu tal-appell , li prima facie jidher altru milli gustifikat , ghax huwa minnu li l-Ewwel Qorti tat piena inqas mill-minimu preskritt mill-ligi ghall-ksur tal-artikolu 152 li tahtu l-appellat ammetta l-htija tieghu u li tahtu l-Ewwel Qorti sabet htija , u dana minghajr ma invokat xi raguni specjali biex taghmel dan kif obbligata li taghmel skond l-art. 21 tal-Kap.9.

Pero', kif irrileva l-abbli difensur , minkejja li mill-istess kliem tal-akkuza kif dedotta kontra l-imputat u mill-fatti kif jirrizultaw mill-istqarrija tal-istess appellat (Fols 3 u 4) jidher li l-fatti jinkwadraw ruhom taht harba semplici kif kontemplata fl-artikolu 151 , l-akkuza issemmi ukoll l-artikolu 152 u l-Ewwel Qorti sabet htija kemm taht l-artikolu 151 (harba semplici) kif ukoll taht l-artikolu 152 ( harba akkumpanjata bil-vjolenza fuq il-persuna , jew bil-ksur tal-postijiet tal-kustodja), sitwazzjoni din li din il-Qorti ma tistax tirrikoncilja ghax jew l-akkuzat appellat kien hati ta' harba semplici jew ta' harba bi vjolenza u/jew ksur !

Illi l-piena karcerarja ghall-harba semplici kontemplata fl-artikolu 151 hija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena mentri dik ghall-harba bi vjolenza u/jew ksur hija minn sentejn sa erba snin.

Illi huwa minnu li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tidher li sabet htija ghall-ksur tal-artikolu 152 ukoll u dana fuq ammissjoni w dwar dan ma sarx appell , pero', bir-rispett, din il-Qorti ma taqbilx li setghet instabet htija skond l-artikolu 152 imma setghet tinstab htija biss skond l-artikolu 151 , ossia ta' harba semplici fejn allura l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ta' sitt xhur habs kienet tkun l-inqas li setghet tinghata mill-Ewwel Qorti w kienet tkun entro l-parametri legali .

Ghalhekk ghalkemm l-Avukat Generali jidher li legalment ghandu ragun , fis-sustanza jidher li l-Ewwel Qorti applikat il-minimu tal-piena possibbli ghar-reat kontemplat fl-artikolu 151 , li kien l-uniku reat li suppost irrizulta fil-konfront tal-appellat fuq il-provi li hemm fil-process.

Illi rinfaccata b'din is-sitwazzjoni anomala w kemmxejn stramba fejn l-Ewwel Qorti tidher li sabet htija ta' zewg reati li ma jistghux , fuq l-istess fatt , jissussistu flimkien - fatt li din il-Qorti ma tistax tinjorah ghalkemm ma sarx appell minnu mill-appellat - din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja l-piena karcerarja inflitta mill-ewwel Qorti , li wara kollox hija entro l-parametri tal-ligi ghall-artikolu 151 li suppost tahtu biss instabet htija.

Ghalhekk , wara li rriflettiet fit-tul , din il-Qorti , tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali , billi tilqa' l-istess limitatament filli taqbel w tiddikjara li s-sentenza appellata kienet zbaljata meta tat piena inqas mill-minimu stabilit mill-ligi ghall-htija minnha riskontrata - ghax ammessa mill-imputat appellat - taht l-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali w dan minghajr ma semmiet xi ragunijiet specjali jew straordinarji ghala tat piena izghar, kif kienet obbligata taghmel skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali , tichad l-appell tieghu in kwantu talab li tigi nflitta piena ohra skond il-ligi , ghar-ragunijiet specjali w straordinarji fuq bir-reqqa imsemmija , u dana skond l-istess artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Joseph G. Galea Debono .
06.01.03.

John Farrugia
Dep. Registratur